**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 32/2011 MLF**

**Onor. Avukat Jose A. Herrera f'ismu proprju u f'isem Herrera & Herrera Advocates**

**Vs**

**GasanMamo Insurance Limited u b'digriet tal-21 ta' Marzu, 2012 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta' Peak Insurance Brokers Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur l-Onor. Avukat Jose A. Herrera f'ismu proprju u f'isem Herrera & Herrera Advocates li permezz tiegħu talab lis-soċjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Limited tħallas is-somma ta' sitt elef euro (€6,000) rappreżentanti flus kontanti misruqin mill-uffiċċju legali Herrera & Herrera Advocates ta' 51, Triq San Kristoferu, Valletta nhar it-22 ta' Ġunju 2010, liema serqa kienet koperta minn assigurazzjoni mas-soċjeta' konvenuta *tramite* l-aġenti tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited, liema somma l-istess soċjeta' konvenuta baqgħet ma ħallsitx.

Bl-imgħax legali fuq din is-somma mid-data ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Ottubru 2010 u bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali kontra s-soċjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Limited fejn eccepiet hekk:

1. Illi t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u qiegħda tiġi kontestata.

2. Fl-ewwel lok l-attur irid iġib prova tat-telf minnhu allegatament subit.

3. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din it-telfa tirriżulta, il-polza ta' assigurazzjoni rilaxxata mill-konvenuti ma tkoprix it-telfa in kwistjoni u dan stante illi:

   i. Is-*Section D* tal-polza ma tapplikax għall-każ *de quo;*

   ii. Mentri *Section B* ma tapplikax għall-flus billi huma espressament esklużi;

   iii. Di piu', sabiex tapplika *Section B* tal-istess polza jinħtieġ li jkun hemm *forceable or violent entry or exit from the premises*, illi m'huwiex il-każ.

Is-soċjeta' Peak Insurance Brokers Limited, li giet kjamata in kawza b'digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 2012, eccepiet:

1. Illi s-soċjeta' eċċipjenti dejjem aġixxiet fil-kwalita' tagħha ta' *insurance broker,* u għaldaqstant m'hemm l-ebda ammont li huwa dovut minnha a favur tal-attur.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-polza innegozjata u finalment mixtrija mill-attur u / jew minn terzi f'ismu, għaldaqstant awtorizzati, ma tkoprix telf riżultanti mis-serq ta' flus kontanti.

3. Illi tali polza li ġiet mixtrija mill-attur u / jew minn terzi f'ismu, għaldaqstant awtorizzati, hija l-polza kif mitlub mill-istess attur u / jew minn terzi f'ismu, għaldaqstant awtorizzati.

4. Illi t-talba tal-attur hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet kollha;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. L-uffiċċju legali tal-attur ilu kopert b'polza ta' assigurazzjoni mis-sena 1996[1]. Inizjalment dan l-uffiċċju kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni ma' socjeta terza, izda fit-2 ta'Diċembru tas-sena 2009 is-socjeta assiguratrici saret is-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Limited.[2] Matul dawn is-snin ma kien hemm l-ebda tibdil fil-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni li jista' jinfluwixxi fuq il-meritu ta' dawn il-proceduri.

2. Din il-polza ta' l-assigurazzjoni giet maghzula wara, li Dottor Joseph Giglio, avukat li fil-1996 kien jahdem fl-ufficcju legali tal-attur u fuq inkarigu tal-istess attur - inkarigat lis-soċjeta' kjamata in kawża - Peak Insurance Brokers Limited - sabiex tottjeni kopertura assigurattiva idoneja għall-uffiċċju legali tal-attur f'kaz ta' serq jew nar.

3. Wara diskussjonijiet bejn Dottor Giglio u Leslie Borg, il-managing director tas-soċjeta' kjamata in kawza, Dottor Giglio f'isem Herrera & Herrera Advocates iffirma zewg proposal forms. Fi proposal form wahda talab assigurazzjoni f'kaz ta' serq fuq "equipment" u "furniture u documents" ghal ammonti determinati rispettivament.[3] Fil-proposal form l-ohra talab assigurazzjoni f'kaz ta' nar fuq il-bini, l-"equipment" u

[1] Ara "DOC 1" a fol 30 tal-proċess. Ara wkoll fols 27, 34, 92, 105 tal-proċess.
[2] Ara fols 28, 33, 98, 102 tal-proċess.
[3] Ara fol. 37 tal-process.

fuq il-"furniture & documents" u b'asterics gew mizjuda "law books" sa ammonti determinati ghal kull oggett[4].

4. Din il-polza tal-assigurazzjoni baqghet dejjem tigi mgedda.

5. Billi fl-2009, Dottor Giglio ma baqghax jahdem f'dan l-ufficju legali, fl-20 ta' Novembru 2009, Leslie Borg kiteb lill-attur fejn infurmah li l-polza tal-assigurazzjoni kienet se tiskadi fl-1 ta' Dicembru 2009 u qallu biex jikkomunika mieghu f'kaz li kien jehtieg xi kjarifika.[5]

6. Wara telefonata minn Dottor David Camilleri li kien jahdem fl-ufficju legali tal-attur, Leslie Borg baghat email lil Dottor Camilleri u lill-attur fl-1 ta' Dicembru fejn infurmahom bl-affarijiet li kienu koperti bil-polza tal-assigurazzjoni u l-ammont assigurat ghal kull wiehed, u issugerielu jirrevedi s-sommom assigurati biex jirriflettu "the true and current risk". Dottor Camilleri baghtlu risposta b'email tat-2 ta' Dicembru 2009 fejn qallu hekk "We would like to keep the current policy active. Since Dr. Giglio left the office the policy holder should be changed to Dr. Jose Herrera. The name of the firm has also changed to Jose A. Herrera and Associates."[6]

7. Fit-22 ta' Ġunju 2010[7] l-attur ghamel rapport mal-Pulizija li fis-16 ta' Gunju 2010, klijent tieghu kien mar l-ufficju tieghu u tah sitt elef Euro (€6,000) biex jghaddihom lil persuna ohra kreditur tal-istess klijent. L-attur qal li hu pogga dawn il-flus f'envelope go kexxun tal-iskrivanija tieghu, u li dak in-nhar li ghamel ir-rapport induna li flus ma kienx ghadhom fil-kexxun, u ghalhekk ikkonkluda li kienu gew misruqa.

8. L-attur talab lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta' €6,000 taht il-polza tal-assigurazzjon, pero is-socjeta konvenuta irrifjutat ghax qed tirritjeni li dan l-allegat serq mhux kopert bl-istess polza. Konsegwentement, l-attur intavola l-proceduri odjerni.

---

[4] Ara fol. 39 tal-process.
[5] Ara fol. 96 tal-process.
[6] Ara fol. 95 tal-process.
[7] Ara fol 20 sa 24 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

*It-Tieni Eċċezzjoni tas-soċjeta’ konvenuta*

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hija wahda generali li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt minghajr spjegazzjonijiet ulterjuri, filwaqt li r-ragunijiet ghal din is-sottomissjoni jinsabu fit-tieni u t-tielet eccezzjonijiet. Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkonsidra t-tieni u, jekk ikun il-kaz it-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

Fit-tieni eccezzjoni taghha, is-socjeta konvenuta qed tinsisti li l-attur għandu jressaq provi li juru b’mod ċar illi fis-16 ta’ Ġunju 2010 insterqu sitt elef ewro (€6,000) mill-uffiċċju legali tiegħu.

Huwa vera li kif issottomettiet is-socjeta konvenuta fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, mill-provi prodotti lanqas biss huwa car jekk effettivament saritx is-serqa allegata mill-attur inkella jekk il-flus gewx effettivament *misplaced*. Dan minhabba l-fatt li fix-xhieda tieghu l-attur lanqas kien cert jekk poggiex il-flus fil-kexxun tal-iskrivanija inkella poggihomx fil-kexxun tal-vettrina.[8] Certament ma jirrizultax li kien hemm *“forceable or violent entry or exit from the premises”.* L-attur stess xehed li *“Fis-serqa in ezami ma kien sar ebda sgass.”*[9]

Pero, in vista tat-trapass taz-zmien u l-fatt li dawn l-flus baqghu ma instabux, lanqas fil-mori ta’ dawn il-proceduri, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-attur irnexxielu jipprova fuq bazi ta’ probabbilita li dawn il-flus gew misruqa mill-ufficju tieghu, pero mix-xhieda tieghu stess jirrizulta li dan is-serq ma sarx bi sgass.

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni tas-soċjeta’ konvenuta GasanMamo Insurance Limited mhix se tigi milqugha.

[8] Ara fol. 16 tal-process.
[9] Ara fol. 36 tal-process.

*It-Tielet Eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta u it-Tieni u t-Tielet Eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Kjamta in Kawza*

F'dan l-istadju din il-Qorti mhix se tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta kjamata in kawza, stante li logikament din l-eccezzjoni ghandha tigi kkonsidrata jekk din il-Qorti tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni taghha.

Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, is-soċjeta konvenuta u s-socjeta kjamata in kawza, it-tnejn jeccepixxu li l-polza ta' assigurazzjoni ma tkoprix serq ta' flus kontanti.

Fit-tielet eċċezzjoni tagħha, s-soċjeta' kjamata in kawza teccepixxi li din il-polza hija l-polza kif mitluba mill-attur u/jew minn terzi f'ismu, ghaldaqstant awtorizzati.

Ghal ragunijiet ta' pratticita dawn iz-zewg eccezzjonijiet se jigu ikkunsidrati flimkien.

Is-socjeta konvenuta u dik kjamata in kawza qed jissottomettu li l-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni ma tkoprix serq ta' flus kontanti, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Is-Section D tal-polza ma tapplikax ghal kaz *de quo;*
2. Section B ma tapplikax ghal flus billi huma espressament eskluzi;
3. Di piu, sabiex tapplika Section B tal-istess polza jinhtieg li jkun hemm *"forceable or violent entry or exit from premises"*, illi m'huwiex il-kaz odjern.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, l-attur ma ikkontestax il-fatt li l-kliem tal-polza in kwistjoni *prima facie* ma jkoprux is-serq ta' flus kontanti. Pero huwa jissottometti illi sabiex l-assiguratur ikun jista' jistrieh fuq it-termini u l-kundizzjonijiet li jirrizultaw mill-polza, jrid jirrizulta li tali kondizzjonijiet gew debitament mgharrfa lill-assigurat u accettati minnu qabel ma nhareg ic-certifikat ta' assigurazzjoni, u s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova li t-termini u l-kundizzjonijiet kontenuti fil-polza li qieghda tistrieh fuqhom gew accettati minnu. Huwa jissottometti li ma tirrizulta l-ebda firma jew accettazzjoni la tal-attur u lanqas tal-broker – is-socjeta kjamata in kawza – ghan-nom tieghu fuq il-polza ta' assigurazzjoni minnha mahruga, u konsegwentement is-socjeta konvenuta ma tistax tistrieh fuq it-termini u l-kundizzjonijiet li jirrizultaw mill-polza.

Jibda biex jinghad illi mill-provi jirrizulta ampjament illi n-negozjati u t-tahditiet li saru dwar il-kopertura tal-assikurazzjoni mill-attur, u minn Dottor Joseph Giglio u Dottor David Camilleri ghan-nom tieghu, dejjem saru mas-socjeta kjamta in kawza bhala insurance broker, u mhux mas-socjeta konvenuta. Fil-fatt l-attur stess xehed hekk: *"Is-socjeta Peak obbligat ruhha ghalhekk bhala broker sabiex issib kopertura ta' assigurazzjoni ghalija u ghall-avukati l-ohrajn fl-ufficcju taghna. Sussegwentement bdejna nircievi avvizi sabiex inhallsu l-premium kull sena ... ... Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010) saret is-serqa, hawnhekk ghamilna kuntatt mal-brokers li semmejt u ghamilna l-claim maghhom. Hawnhekk fil-fatt kien meta gejna nfurmati illi s-socjeta assigurattiva taghna ma kienitx aktar is-socjeta Seat izda kienet saret GasanMamo. Lanqas ma rajna xi polza tas-socjeta GasanMamo, ahna konna ktibna lilhom ukoll u gejna nfurmat li ma konnhiex koperti ghal serq."*[10]

Inoltre, lanqas gie kontestat dak li issottomettiet is-socjeta konvenuta, li hi ma setghetx taqbez lis-socjeta kjamata in kawza, u cioe l-insurance broker, u tinnegozja direttament mal-attur, stante li dan kien iwassal ghal ksur ta' etika fil-kamp tal-assikurazzjoni.

Fil-fatt jirrizulta li kienet is-socjeta kjamata in kawza li talbet kopertura ghall-attur minghand is-socjeta konvenuta, u jirrizulta li s-socjeta konvenuta mxiet skrupolozament mal-istruzzjonijiet li inghatat minghand il-broker, is-socjeta kjamata in kawza, li kienet qed tagixxi fl-interess tal-attur. Huwa pacifiku kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza li l-insurance broker huwa l-agent tal-assikurat u mhux tas-socjeta assiguratrici (ara s-sentenza **Angelo Spiteri vs Citadel Insurance plc** deciza fit-28 t'April 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[11]). Jirrizulta ampjament mill-provi li s-socjeta kjamata in kawza qatt ma talbet lis-socjeta konvenuta sabiex tkopri lill-attur ghal serq ta' flus kontanti. Inoltre, jirrizulta wkoll li l-attur fl-ebda stadju ma kien assigurat ghal flus kontanti, dak li jissejjah *"cash cover"*.

L-attur xehed li illi huma "*xtaqu jagħmlu kopertura assigurattiva l-aktar in konnessjoni ma' każijiet ta' serq*"[12] u li għalhekk mill-*proposal form* kien hemm "*intendiment ċar... illi din l-assigurazzjoni kienet se tkopri s-serq ukoll.*"[13] Ghalhekk ir-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza

[10] Ara fol 35 tal-process.
[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[12] Ara fol 34 tal-proċess.
[13] Ara fol 34 tal-proċess.

ddur fuq il-fatt jekk fil-proposal form tieghu, l-attur qalx lis-socjeta kjamata in kawza, bhala l-insurance broker tieghu, illi hu ried jigi kopert ukoll ghal serq ta' flus kontanti.

Fis-sentenza **Angelo Spiteri vs Citadel Insurance plc** fuq citata, il-Qorti tal-Appell sahhqet fuq l-importanza ta' dak kontenut fil-proposal form bhala l-bazi li fuqha qed tinholoq ir-rabta kontrattwali bejn il-kontraenti: *"Hu dottrinalment ricevut illi in linea generali l-ftehim ta' assigurazzjoni jaf il-bidu tieghu lid-dokument li kif inhu maghruf mill-istess nomenklatura tieghu jkun jikkontjieni proposta da parte tal-persuna li tkun trid tassigura li trid tidhol f'rapport ta' assigurazzjoni. Proposta din li una volta accettata mill-assiguratur tipperfezzjona l-kuntratt u tikkreja l-vinkolu kontrattwali. "This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is up to the insurer to decide whether to provide cover, and if so, at what premium" –* ***Ivamy*** *("General Principles of Insurance, 4th Ed. 1979, pagna 107)."*

Mill-provi prodotti, jirrizulta li fil-komunikazzjonijiet tagħhom mas-soċjeta' kjamata in kawza, la l-attur u lanqas Dottor Joseph Giglio ma urew intenzjoni ċara li xtaqu li l-uffiċċju legali tal-attur ikun kopert b'polza ta' assigurazzjoni li tkopri serq ta' flus kontanti mill-istess uffiċċju.

Fix-xhieda tiegħu, l-attur fil-fatt jammetti li d-domandi fil-*proposal form* li kellhom x'jaqsmu ma' serq ma jsemmux is-serq ta' flus kontanti u li kienet preżunzjoni min-naħa tiegħu li dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet kienu wkoll koperti mill-polza tal-assigurazzjoni. Hu fil-fatt jgħid hekk: *"Kif diġa' spjegajt fil-proposal form hemm domandi li jirreferu speċifikament għal serq, aħna għamilna l-kuntratt in buona fede u ppreżumejna illi kienu koperti wkoll flus kontanti u s-serq tagħhom. Speċifikament pero' l-proposal form ma titkellimx fuq flus kontanti, fil-fatt dwar jekk inżommux flus kontanti l-uffiċċju tagħna ma kienet saret l-ebda domanda fil-proposal form… …* "[14]

Fix-xhieda tiegħu, Dottor Joseph Giglio bl-ebda mod ma kkonferma li kien ta struzzjonijiet speċifiċi lil Leslie Borg in rapprezentanza tas-soċjeta' kjamata sabiex din issib polza ta' assigurazzjoni li tkopri *inter alia* serq ta' flus kontanti. Dottor Giglio xehed hekk: "*Hawn hekk qed niġi mistoqsi x'tip ta' assigurazzjoni xtaqna għal uffiċju legali li semmejt… … il-*

[14] Ara fol 35 tal-proċess.

*proposal form kienet tirreferi għal ħruq, dħul għal skop ta' serq. Qed ngħidhom minħabba dawk id-domandi li kienu saruli meta mlejt il-proposal form. Nagħmel referenza speċifika, per eżempju għal domanda numru 10 fl-istess proposal form għal prekawzjonijiet sabiex ma jkunx hemm dħul fl-imsemmi uffiċċju. Nagħmel ukoll referenza għal domanda numru tnax fejn jingħad, li fil-fatt qabel din il-proposal form kien hemm każ ta' serq wieħed biss qabel ma intliet, permezz ta' dħul u fejn kien insteraq xi apparat ta' computer. … … Niftakar sew, jista' jkun li ghandi amment illi kien hemm konverzazzjoni telefonika ma' Leslie Borg li semmejt fejn saret diskussjoni dwar flus li jkunu ser jinzammu fl-ufficcju. Fil-fatt niftakar il-kliem li intuzaw, cioe flus fl-ufficcju jew flus in transit. Hawnhekk nixtieq nghid pero illi dan li ghadni kemm ghidt huwa vag in rigward iz-zmien meta ghidtlu. Seta' kien meta kienet qed tigi diskussa l-proposal form, meta konna qeghdin naslu ghal xi estenzjoni tal-istess polza ta' assigurazzjoni. Din il-konverzazzjoni setghet kienet ukoll in konnessjoni ma' l-ufficcju l-iehor li kont ser nidhol fih. Din ta' l-ahhar hija l-inqas wahda probabbli*"[15]

Leslie Borg, in rapprezentanza tas-socjeta kjamata in kawza xehed hekk: "*In rigward l-attur, jiena kont il-broker tiegħu u in konnessjoni ma assigurazzjoni. Ir-relazzjoni bejn is-soċjeta' Peak u l-attur bdiet fin-nineteen ninety six (1996), fil-fatt konna tkellimna jiena u Dr. Joseph Giglio, ddiskutejna t-talba tiegħu u fuqu ħriġna polza, dak iż-żmien fuq il-ġebla, xi equipment kif ukoll oġġetti ta' l-għamara u dokumenti. Ġiet iffirmata minn Dr. Giglio l-formola, eventwalment inħarġet il-polza… … Fil-fatt in Atti hemm żewġ proposal forms id-dehra a fol 37 u 39. Hawnhekk fil-fatt f'dawn id-domandi jissemma is-serq, għalhekk nista' nikkonferma li kien sar xi diskors bejni u Dr. Giglio dwar serq. Eventwalment meta nħarġet il-polza dina nħarġet a bażi ta' dak li kien qalli Dr. Joseph Giglio. Fil-fatt a bażi ta' dak li hemm imniżżel fil-proposal form Dr. Giglio talab speċifikament illi l-assigurazzjoni tkopri għamara, dokumenti u equipment, speċifikament ma ssemmiex flus, hawnhekk nixtieq ngħid pero' l-formola ntliet fin-nineteen ninety six (1996), fil-fatt dak li jkun ġie ffirmat, qed nirreferi għal proposal forms jintbgħat lid-ditta assiguratriċi li toħroġ l-assigurazzjoni.*"[16]

Kif diga intqal mill-proposal form li tikkoncerna l-assigurazzjoni fuq serq, Dottor Giglio talab biss assigurazzjoni fuq *"equipment"* u fuq *"furniture & documents"* – it-tnejn ghal

---

[15] Ara fols 42 u 43 tal-proċess.
[16] Ara fols 92 u 93 tal-proċess. Ara wkoll fols 37 sa 40 tal-proċess.

somom determinati.[17] Fil-fatt meta Leslie Borg gie mistoqsi jekk il-flus kontanti kienux koperti bl-assigurazzjoni hu spjega car u tond hekk:

*"Avukat:* *Flus kienu "covered"*

*Xhud:* *"Never"*

*Avukat:* *Jigifieri qatt ma kien hemm "cash cover"*

*Xhud:* *"No". Qatt ma kien hemm "request" ghalihom u qatt ma kien hemm u lanqas issemmew fl-"email" li jien baghat lil Dr David Camilleri".*[18]

Inoltre, l-*email* li ntbagħtet minn Leslie Borg lil Dottor David Camilleri u lill-attur fl-1 ta' Diċembru 2009 telenka b'mod inekwivoku, dak li kien kopert bil-polza tal-assigurazzjoni u l-ammonti assigurati, u li fil-kaz ta' serq kienu elenkati bhala koperti biss *"business equipment"* u *office furniture and books"*. Serq ta' flus kontanti ma kienx imsemmi bhala wahda mic-cirkostanzi koperti bil-polza fl-email. Dan nonostante, huwa pacifiku bejn il-partijiet, li wara li rcievew din l-email, l-Avukat Dr. David Camilleri kkonferma lil Leslie Borg li l-attur xtaq iggedded il-polza, u li l-isem tal-*policy holder* ghandu jigi mibdul b'dak tal-attur.[19]

Fid-dawl tas-suespost, ma hemmx l-icken dubbju li, kienet x'kienet ix-xewqa tal-attur, it-talba tieghu bil-miktub fil-proposal form ma kienitx tinkludi kopertura ghal serq ta' flus kontanti, u hu qatt ma talab li jinghata din il-kopertura lanqas qabel talab li jgedded il-polza fl-2009, fejn rega' xi mfakkar il-polza tal-assikurazzjoni x'kienet tkopri.

L-attur jissottometti li s-socjeta kjamata in kawza naqset milli tinfurmah dwar x'kien kopert u x'ma kienx kopert mill-polza tal-assigurazzjoni. Fl-ewwel lok, x'kellu jigu kopert, gie elenkat minn Dottor Joseph Giglio stess fil-proposal form originali, u fl-2009 l-attur ircieva email minghand Leslie Borg biex tinfurmah x'kien kopert, kif diga intqal. L-attur jghid li hu qatt ma ircieva kopja tal-polza tal-assigurazzjoni. Pero Leslie Borg xehed li l-kopja tal-polza intbaghtet lil Dottor Joseph Giglio.[20] Huwa vera li Dottor Joseph Giglio ma ftakarx jekk kienux ircivew kopja tal-polza l-ufficcju, pero din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha ma temminx ix-xhieda ta' Leslie Borg li fil-fatt il-kopja tal-polza intbaghtet

[17] Ara fol 37 tal-process.
[18] Ara fol 108 tal-process.
[19] Ara fol 95 tal-proċess.
[20] Ara fol 93 tal-process.

l-ufficcju. Kif sewwa irrilevat is-socjeta kjamata in kawza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, hawn qed nittrattaw ma' ufficcju ta' avukati – li certament jafu l-importanza li ghandu l-kuntratt tal-assigurazzjoni – u jekk ghal grazzja tal-argument biss, din il-kopja tal-polza ma ircivewiex, din il-Qorti m'ghandhix dubju li kienu ser jitolbu kopja taghha. Mhux verosimili li l-attur ghamel mill-1996 sal-2010 assigurat, minghajr ma kellu kopja tal-polza tal-assigurazzjoni.

Huwa relevanti wkoll dak li qal Dottor David Camilleri fix-xhieda tieghu fis-sens illi wara illi hu u l-attur saru jafu li naqsu l-flus, *"ghamilna tfittxija fil-policies ta' insurances li ghandna sabiex naraw il-kaz kienx kopert."*[21] Minn din ix-xhieda, il-Qorti tasal ghal zewg konkluzjonijiet. Fl-ewwel lok li huma kienu jafu li l-attur fil-fatt kellu kopja tal-polza. Fit-tieni lok, li l-attur ma kienx cert jekk il-kaz kienx kopert bil-polza jew le – li kieku l-attur kien cert li kien kopert bil-polza, ma kienx ser jiehu l-izbriga biex idur il-polza biex jivverifika kienx kopert jew le.

L-attur isostni li Leslie Borg ma qalx li baghat kopja tal-polza l-gdida mas-socjeta konvenuta. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument dan huwa minnu, mhux kontestat li l-kambjamenti li kien hemm kienu ghall-ahjar u mhux ghall-aghar, u fi kwalunkwe kaz, il-kambjamenti ma ghandhom l-ebda effett fuq il-meritu ta' din il-vertenza.

Fid-dawl tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif is-sottomissjoni tal-attur li s-socjeta konvenuta kienet negligenti fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu taghha tista' tigi milqugha. Fil-proposal form, l-attur ma talabx kopertura ghal serq ta' flus kontanti mill-ufficcju, ghalkemm talab kopertura ghal serq ta' affarijiet ohra, u tul is-snin lanqas qatt ghamel din it-talba. Jekk l-attur ried li jkollu kopertura ukoll ghal serq ta' flus kontanti, hu kellu obbligu li jaghmel talba cara u specifika ghal tali kopertura fil-proposal form, jew ghall-inqas meta fl-2009 irrizultalu bl-iktar mod skjett mill-email li baghtlu Leslie Borg, li serq ta' flus kontanti ma kienx kopert bil-polza. Certament ma jistghax jaghti t-tort lis-socjeta kjamata in kawza ghan-nuqqasijiet tieghu.

Konsegwentement, dawn iz-zewg eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u tas-socjeta kjamata in kawza se jigu milqugha.

[21] Ara fol 25 tal-process.

Fid-dawl ta' din il-konkluzjoni, ma hemm l-ebda skop ghalfejn din il-Qorti tinoltra ruhu fl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta kjamata in kawza.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħdha:

1. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Limited;

2. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Limited kif ukoll it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tas-soċjeta' kjamata in kawza Peak Insurance Brokers Limited;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' kjamata in kawza;

4. Konsegwentement, tiċħad it-talbiet tal-atturi fl-interita taghhom.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-atturi *in solidum*.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**